# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

Illum, 3 ta' Lulju, 2020

**Appell Numru: 191/2017**

Il-Pulizija

(Spettur Matthew Vella)

vs

**Annabelle Camilleri nee' Monreal**

Bint Martin u Rose Mary nee' Busuttil, imwielda Pieta' fit-18 ta' Mejju 1985, residenti f' Tas-Sellum Residence, Block 5, Apartment 521, Triq it-Tunnara, Mellieha, detentrici tal-karta ta'l-identita bin-numru 311185(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Annabelle Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Frar 2010, u fix-xhur u s-snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1) Iffalsifikat sigilli, timbri, jew marki ohra, li qieghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl-isem tal-Gvern jew

tal-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti, sew jekk ta' propjeta' pubblika jew private, jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblilka;

2) Talli, fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) U aktar talli, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura private, liema skrittura privata, setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

4) Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

5) Ukoll talli kisret il-provvediment tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446, meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet liberate taht kundizzjoni illi ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta' Jannar 2009.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-06 ta' April 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 172(1), 183, 187(1) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata, Annabelle Camilleri, hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u kkundannata ghal sentejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Annabelle Camilleri tad-19 ta' April 2017 fejn tallbet lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitha hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u minflok tiddikjaraha mhux hatja u konsegwentement tilliberaha minnhom jew sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti hassitha aggravata bid-decizjoni impunjata billi dehrilha illi l-apprezzament maghmul tal-atti probatorji ma kellux iwassal lill-Ewwel Qorti ghal sejbien ta' htija ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u dan ghaliex l-att materjali tar-reat jammonta ghal falz grossolan li allura ma seta' qatt iwassal biex iqarraq bl-allegat vittma tar-reati lilha addebitati. Sussidjarjament tilmenta illi l-piena inflitta hija wahda eccessiva u tali li ma haditx kont tar-riforma tal-persuna misjuba hatja.

Premess dan huwa evidenti illi dak li qed tigi imsejjha biex taghmel dina l-qorti ta' revizjoni huwa li tissindika dik id-diskrezzjoni fdata lill-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni li hija ghandha taghmel tal-provi. Qajla ghandha ghalfejn din il-Qorti terga' ittenni illi tali diskrezzjoni ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista' jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna/i akkuzata/i. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta' revizjoni.

Dan maghdud, madanakollu, din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u b'mod partikolari d-dokumenti inkriminatorji li allegatament gew iffalsifikati mill-appellanti b'intenzjoni qarrieqa. L-appellanti ma tichadx illi kienet hi li wettqet dan il-falz izda tishaq illi f'dan il-kaz ir-reat ma jistax jissusisti minhabba fil-grossolanita' tal-falsifikazzjoni. Ighid hekk il-Professur Mamo fin-noti tieghu fuq id-dritt penali:

> ***"A perfect imitation is not, of course, necessary. But if the manner of executing the forgery is so clumsy that the forgery itself is obvious almost 'ictu oculi', then the crime of forgery is negatived, although there may be another kind of offence (fraud)."***

Izda l-Professur Mamo jkompli ighid:

*If, however, the forgery has in fact deceived, the question of the manner of the falsity cannot be raised. (C.C. Rex vs P.Borg 13; Rex vs V.Muscat 14; Rex versus Azzopardi 2nd February 1942)*

Mhux biss izda gie deciz illi meta il-falsita' tkun saret fuq dokument pubbliku u awtentiku allura tigi eradikata din l-iskriminanti:

> **"…. huwa minnu li hemm gurisprudenza li meta l-falsita` tkun wahda grossolana li ma tista' qatt tqarraq ossia tinganna lil xi hadd, allura r-reat ta' falsifikazzjoni ma jissussistix. Dan, pero`, ma japplikax meta d-dokument in kwistjoni ikun wiehed pubbliku, ghax f'dan il-kaz il-hsara tikkonsisti fil-pregudizzju li jigi kkagunat lill-interessi legittimi tac-cittadin mill-offiza ghall-fiducja pubblika – ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Borg App. Krim. 26 ta' Jannar, 1984. Ghalhekk dak li jrid l-ewwel jigi determinat huwa jekk id-Dokument BZ1 jikkwalifikax bhala dokument pubbliku u, fit-tieni lok, jekk jistax jinghad li huwa wkoll dokument awtentiku.**
>
> **...... Biex dokument jikkwalifika bhala wiehed pubbliku u awtentiku hu mehtieg bhala regola generali li jkun dokument (1) destinat li jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu, (2) maghmul bil-formalitajiet mehtiega u (3) rilaxxjat minn ufficjal pubbliku li ghandu s-setgha skond il-ligi li jaghti fidi pubblika lil dak il-att. S'intendi, jekk ma jkunx fil-fatt gie maghmul minn "ufficjal pubbliku" ghax il-firma tal-ufficjal pubbliku tkun giet falsifikata minn xi hadd iehor, ma jigix nieqes l-element numru (3): ghall-kelma "rilaxxjat" ghandha tinqara l-espressjoni "apparentement rilaxxjat" (purporting to be issued) minn dak l-ufficjal pubbliku. Hekk ukoll, meta wiehed jirreferi ghall-"formalitajiet mehtiega", ma jfissirx neccessarjament li nuqqas zghir ta' formalita` li ma jkunx essenzjali biex jaghti fidi pubblika jew awtenticita` lil dak l-att igib bhala konsegwenza li dak l-att ma jkunx wiehed pubbliku jew wiehed awtentiku: wiehed ghandu jhares lejn dak li hu essenzjali ghall-forma u mhux dak li hu marginali[1]."**

Ukoll fis-sentenza Il-Pulizija vs Jeffrey Busutiil, din il-Qorti kif diversament ippresjeduta similment ippronunzjat ruhha meta qalet:

> **"huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li f'materja ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti l-iskriminanti tal-grossolanita tal-falsifikazzjoi ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f'dokument pubbliku[2]"**

[1] App.Krim.Inf. Il-Pulizija vs Patrick Spiteri – 22/10/2004

[2] App.Krim.Inf. Il-Pulizija vs Jeffrey Busuttil – 09/07/2014

Issa l-att materjali li wassal ghax-xilja tal-appellanti bir-reat tal-falsifikazzjoni sar fuq dokumenti li kienu qed jiehdu ix-xejra ta' dawk pubblici u awtentici apparentement ricevuti mid-Dipartiment tal-Artijiet b'timbru sahansitra, ghalkemm iffalsifikata, ta' dan id-Dipartiment biex b'hekk huwa evidenti li l-appellanti riedet taghtihom xejra ta' dokument pubbliku u awtentiku konsistenti f'applikazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet ghall-akkwist ta' proprjetajiet pubblici fejn l-appellanti iffalsifikat it-timbri tad-Dipartiment u firem ta' ufficjali tad-Dipartiment, flimkien mar-referenzi tal-*files* u n-numri ta' ricevuti ndikati fuq dawn id-dokumenti. Dan sabiex tqarraq bil-vittma taghha li dawn l-applikazzjonijiet gew accettati u qed jigu pprocessati mid-Dipartiment. Tghid hekk fi-tieni stqarrija rilaxxjata lil pulizija fuq rikjesta taghha stess:

> **" .... jien kont ghamilt id-dokumenti li saritli referenza ghalihom, kont tlatbtu jiffirmali fuqhom (b'referenza ghal Anton Cassar) u ghedtlu li kont applikajtlu mal-Lands Department. Hawnhekk irrid nghid li ghamilt zewg timbri billi xtrajt zewg timbri u ghamilt it-timbru tal-Lands Department kif ukoll l-iehor li hemm ENTERED u d-data. .... Fuq mistoqsija li qed issirli nghid li filwaqt li l-firem ta' Anton Cassar huma veru tieghu, il-firem l-ohra tal-Lands kif ukoll il-firem fuq it-timbru bil-kliem ENTERED u d-data hdejh ghamilthom jien."**

Tkompli tghid illi kemm ir-ritratti kif ukoll il-bqija tal-informazzjoni li hemm fuq dawn l-applikazzjonijiet ukoll imliethom hi:

> **"Rigward l-erba applikazzjonijiet li ghandhom il-heading "Department of Lands and Physical Planning" dawk nizzilthom minn fuq website u mlejthom kollha jien u anke t-timbru u l-firem tal-Lands Department ghamilthom jien. Anke l-firma u t-timbru ENTERED 12 NOV 2009 ghamilt jien. …"**

Mhux biss izda biex isahhah dan l-ingann l-appellanti iffalsifikat ukoll *e-mails* allegatament mibghuta minn ghand certu Laurence Galea mid-Dipartiment tal-Artijiet, persuna fittizja, ghal kollox ivvintata mill-appellanti, kif ukoll *e-mails* li allegatament kien wasslu minn ghand Kate Gonzi li f'dak iz-zmien kienet mart il-Prim'Ministru u dan sabiex taghti sahha lill-ingann minnha ipperpetrat.

L-appellanti riceviet il-flus indikat fl-imsemmija applikazzjonijiet permezz ta' tlett bank drafts fl-ammont globali ta' 8500 ewro mill-bank HSBC. Flimkien ma' dawn

jidher li saru trasferimenti ukoll ta' flejjes favur l-appellanti f'ammonti li jeccedu il-€200 000.

Illi ghalhekk huwa indubitat, illi l-appellanti iffalsifikat dokumenti u timbri tal-Gvern biex b'hekk id-difiza skriminatorja tal-falz grossolan f'dan il-kaz ma tista' qatt tregi.

Ghaldaqstant dan l-uniku aggravju imqanqal mill-appellanti marbut mal-mertu tal-kaz qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biex jigi trattat l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sentejn prigunerija li l-appellanti tilmenta li hija wahda eccessiva. Tishaq ukoll illi ghalkemm prezentement tinsab inkarcerata hija qed taghmel l-almu taghha biex tirriforma hajjitha u ghalhekk inkarcerazzjoni ulterjuri tista' ixxejjen il-progress li ghamlet sa issa fl-imgieba taghha. Ghal dan il-ghan tressaq diversi xhieda in sostenn tat-tezi taghha fosthom rapprezentant tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, il-psikjatra kuranti taghha Dr. Mark Xuereb u l-Uffcijal tal-Probation Sharlet Fabri. Mill-istampa li tigi pprezentata minn dawn ix-xhieda jidher illi ghalkemm l-appellanti bdiet tahdem fuq it-triq tar-rijabilitazzjoni taghha, x'aktarx ghax sabet lilha innifisha inkarcerata, madanakollu jidher li ghad fadal hafna xoghol x'jsir sabiex meta terga' tirrintegra ruhha fis-socjeta hija ma tkunx ta' hsara ghal terzi bil-maniggi taghha frawdolenti. Dan qed jinghad ghaliex min harsa lejn il-fedina penali taghha jidher illi hija giet ikkundannata diversi drabi dwar reati simili bhal dawk lilha addebitati fil-presenti istanza bil-qrati taghna dejjem jaghtuha opportunita' biex tirriforma hajjitha, haga li tidher li hija baqghet ma ghamlitx tant illi hafna sentenzi fejn hija giet moghtija piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija kollha spiccaw gew konvertiti f'piena karcerarja minhabba li hija regghet ikkomettiet reati godda.

Mhux biss izda anke waqt il-perijodu taghha ta' inkarcerazzjoni jidher illi l-appellanti ghadha ma gharrfitx trazzan l-imgieba kaotika taghha b'mhux inqas minn ghoxrin rapport jigu registrati mill-awtoritajiet tal-habs ghal imgieba hazina, fosthom ta' glied u disubbidjenza. Illi allura filwaqt li din il-Qorti tawgura li dan il-

perijodu ta' inkarcerazzjoni iservi sabiex l-appellanti taghraf l-zbalji taghha tal-passat u tirriforma hajjitha anke ghal gid t' uliedha, u ghalkemm jidher illi l-genituri taghha dejjem kienu warajha biex joffrulha kull ghajnuna li kellha bzonn u li ser ikollha bzonn, madanakollu ghad fadal hafna xoghol xi jsir minn naha taghha sabiex il-qrati jerrghu jaghrfu jaghtuha il-fiducja taghhom biex b'hekk terga' tikkandida ruhha ghal piena fil-komunita' minghajr periklu ghal terzi.

Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u ic-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi din il-Qorti tghid minghajr tlaqaliq illi f'dan il-kaz taht il-lenti taghha ftit li xejn tista' tara cirkostanzi attenwanti li ixaqilbu kontra piena ta' restrizzjoni tal-liberta'.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders***
> ***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***
> ***(c) the reform and rehabilitation of offenders***
> ***(d) the protection of the public***
> ***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

> **Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –**
>
> *' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'*
>
> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> ***'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'***

> **Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**
>
> ***'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[3]"***

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti tara illi m'ghandhiex tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti li hija wahda li tqarreb lejn il-minimu taghha tenut kont ukoll illi l-Qorti itrattat maghha ghar-reati li taghhom giet misjuba hatja b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-29 ta' Jannar 2009 fejn l-appellanti kienet giet ikkundannata ghal piena fil-komunita'.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkofnermata.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[3] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino